**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Jacqueline Bellotti**

**Kumpilazzjoni 697/2024**

**Illum, 13 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Jacqueline Bellotti** ta' 41 sena, bint Emanuel u Maria Assunta xebba' Xerri, imwielda fid-04 ta' Marzu 1983 ġewwa Pieta, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' 146883M u residenti ġewwa Blk A, Flat 2, Triq Wigi Rosato, Bormla.

Akkużata talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew maghmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli bejn Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) minn ġewwa r-residenza 15, Sali, Triq iz-Zebbuga, Iklin ikkommettiet serq ta' oggetti, liema serq hu **aggravat bil-valur** li ma **jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Ewro u sebgha' u tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna** u **bil-lok** għad-dannu ta' Brian Zarb Adami u/jew persuni oħra.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża, u ċioe' ta' Brian Zarb Adami jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata Jacquline Bellotti skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi u l-familji tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tħaddem kontra l-ħatja d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 532A tal-Kapitoli 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Il-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat l-ammissjoni tal-imputata registrata fis-seduta fl-ewwel seduta u cioe fit-30 ta' Ottubru 2024.

Semghet lill-imputata tikkonferma l-htija taghha fir-rigward tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha fl-istess seduta tat-30 ta' Ottubru, 2024.

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha u wara li tat lill-imputata zmien ragonevoli sabiex terga' tikkonsulta mal-Avukat li qed jassistiha f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatilha l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputata reġghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha ghall-akkuża migjuba kontra taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor:**

Il-Pulizija rceviet rapport minn Brian Zarb Adami illi kien sar serq ta' diversi hwejjeg mir-residenza tieghu. Is-suspett waqa' fuq l-imputata li kienet tahdem fir-residenza u kienet l-unika persuna li kellha access ghar-residenza. L-imputata giet mitkellma mill-Pulizija, l-imputata ammettiet li kienet serqet il-hwejjeg u dan minhabba li dak iz-zmien kellha xi problemi. Kienet saret tfittxija fid-dar ta' huha fejn gew irkuprati hafna mill-hwejjeg li kienu nsterqu.

L-imputata giet akkuzata b'serq aggravat bil-valur, li ma jeccedix elfejn u tlett mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-lok.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2024, l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuza kollha migjuba fil-konfront taghha.

Illi waqt dik l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputata regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien ragonevoli tirrikonsidra l-posizzjoni taghha u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputata l-akkuza tirrizulta pruvata u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li r-rifurtiva giet ritornata u li piena karcerarja f'dan il-kaz ma hiex idoneja.

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata, il-Qorti ikkunsidrat il-koperazzjoni tal-imputata mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija taghha fl-ewwel stadju ta' dawn il-proceduri u c-cirkostanzi tal-kaz.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 383, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputata **JACQUELINE BELLOTTI HATJA**, fuq l-amissjoni inkondizzjonata taghha stess, tal-akkuza miġjuba kontriha, u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-hatja Jacqueline Bellotti taħt

Ordni ta' Probation għal perjodu ta' sentejn mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Jacqueline Bellotti titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja Jacqueline Bellotti bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tingħata sentenza għar-reat li tieghu instabet ħatja b'din is-sentenza, u cioe l-konsegwenzi li tista' issofri f'każ li hija ma tonorax l-obbligi taghha taht din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-hatja Jacqueline Bellotti. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bl-andament tal-ħatja kull tlett (3) xhur.

U a tenur tal-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-vittma Brian Zarb Adami u sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena qeghda torbot lill-ħatja Jacqueline Bellotti b'obbligazzjoni taghha nfisha taħt penali ta' elfejn ewro (€2,000), u dan ghal żmien tnax-il xahar minn meta din is-sentenza ssir res judicata.

Stante illi f'dawn il-proceduri ma nhatru l-ebda esperti, t-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi milqugha.

Il-Qorti spjegat lill-hatja Jacqueline Bellotti fi kliem car u semplici l-obbligi taghha taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hija ma tonorax l-istess.

Stante illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tistema' minn din il-Qorti b'mod sommarju ai termini tal-Artiklu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li ai termini tal-Artiklu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 13 ta' Novembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

***Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***
***Magistrat***

Annalise Mifsud
Deputat Registratur